MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 444/2013

**Luckbox Enterprises Limited**

**vs**

**PIVGAME Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà Pivgame Limited tat-8 ta’ Mejju 2013

fejn talbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti ghall-izbank tas-somma ta' disa u hamsin elf, mitejn u disgha u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€59,299.75) liema somma tinstab depozitata fir-Registru ta' din il-Qorti. Ir-raguni li ghaliha is-socjetà rikorrenti talbet l-awtorizazzjoni ghall-izbank tal-imsemmija somma hija li tali somma ma tappartjenix lilha izda lill-gugaturi u dana sabiex tkun tista' tghaddi dawn il-flus lil terzi. Is-socjetà rikorrenti sejset it-talba taghha fuq id-disposizzjonijiet tar-regolament 40 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 438.04.

Rat li d-dokument datat 25 ta' April 2013 iffirmat minn Michael Oros direttur tas-socjetà Everleaf Gaming Limited fejn jinstab indikat is-segwenti: "*by means of this letter I hereby confirm that the amount due to Pivgame Ltd of fifty nine thousand two hundred and ninety nine Euros and seventy five cents (€59,299.75) due to Pivgame Ltd represents player balances emanating from online gaming activities undertaken*".

Rat li s-socjetà Luckbox Enterprises opponiet ghat-talba tas-socjetà rikorrenti billi tghid li s-socjetà rikorrenti ghandha ggib prova ta' dak minnha allegat u tispjega kif fondi appartenenti lil gugaturi jinstabu fil-pussess ta' terzi, ossia Everleaf Gaming Ltd.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta li s-socjetà Luckbox Enterprises Limited istitwiet proceduri ta' arbitragg quddiem ic-Centru Malti ta' l-Arbitragg fl-10 ta' Jannar 2013. L-ghada, nhar il-11 ta' Jannar 2013, is-socjetà Luckbox talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 41/13 kontra s-socjetà Pivgame Limited sabiex tikkawtela l-kreditu minnha pretiz fl-ammont ta' €270,473.59 allegatament "*rapprezentanti sehma mill-fondi dovuti lis-socjetà rikorrenti skond il-ftehim ta' kooperazzjoni*

*bejn is-socjetà rikorrenti u s-socjetà intimata, liema pretensjoni l-istess socjetà rikorrenti qed tiddeduci permezz ta' proceduri ta' arbitragg*".

Din il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-azzjoni proposta fil-proceduri tal-arbitragg ghax mhux dan l-iskop tat-talba odjerna. Dak li trid tistharreg din il-Qorti ghal finijiet tat-talba mressqa mis-socjetà rikorrenti huwa jekk l-ammont milqut bis-sekwestru depozitat fir-Registru tal-Qorti jinkwadrax fl-eccezzjoni prevista fir-Regolament 40 tal-Ligi Sussidjarja 438.04 u ghalhekk jista' jigi zbankat mis-socjetà rikorrenti kif qed titlob.

Ir-Regolament 40 subregolament 5 tal-Avviz Legali 176 tal-2004 intitolat Regolamenti dwar Loghob minn Distanzi jistpula s-segwenti:-

> *"(5) Ghall-fini li jigi evitat kull dubju dwar l-effett ta' dan ir-regolament, salv skond ma jista' jigi esplicitament stipulat fil-mandat ta' sekwestru, <u>ebda mandat ta' sekwestru kawtelatorju jew ezekuttiv ma ghandu jkollu xi effett jew jiftiehem bhala li qatt kellu xi effett fuq flejjes tal-gugatur</u>,* ***inkluz*** *flejjes f'kont tal-klijenti li jkollu d-detentur tal-licenzja li jinzammu f'istituzzjoni ta' kreditu jew f'kont ta' trustee li f'isem id-detentur tal-licenza jzomm, jikkontrolla, jamministra jew ihaddem b'kull mod iehor flejjes tal-gugaturi, li jinzammu f'istituzzjoni ta' kreditu, flejjes tal-gugaturi li jkunu qeghdin jitmexxew jew li jkunu qeghdin jigu processati mis-sistema bankarja jew minn kumpanniji li jipprocessaw karti ta' kreditu, inkluzi istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll flejjes ta' gugaturi mizmuma f'kontijiet ohra mizmuma f'xi istituzzjoni ta' kreditu li tappartjeni lil jew li hija kontrollata mid-detentur tal-licenzja jew li tappartjeni lil jew li hija kontrollata minn trustee kif hawn qabel imsemmi, skond ma l- Awtorità setghet stabbiliet skond is-subregolament*

> *(2)(b) li ghandhom jigu inkluzi ma' flejjes fil-kontijiet tal-klijenti*".

Din il-Qorti ma tistax tinnega li s-socjetà rikorrenti hi korretta li tinvoka ir-regolament 40(5) tal-Avviz Legali fuq imsemmi bhala l-bazi ghal gustifikazzjoni li titlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti ghar-rilaxx tal-flus depozitati taht l-awtorita' taghha in kwantu l-legislatur ried li flejjes tal-gugaturi ma jkunux soggetti li jintlaqtu minn sekwestru sia kawtelatorju sia ezekuttiv.

Filwaqt illi l-Avviz Legali jesigi li d-detenturi tal-licenzja jzommu flejjes appartenenti lil gugaturi f'kont tal-klijenti ma' istituzzjoni ta' kreditu jew f'kont ta' *trustee* u li l-kontijiet tal-gugaturi ikun f'ammont li jekwipara mal-krediti dovuti mid-detentur tal-licenzja lill-gugaturi, dan ma jfissirx li l-eccezzjoni prevista fir-regolament 40(5) tal-Avviz Legali tolqot biss il-flejjes tal-gugaturi meta dawn ikunu hekk depozitati fil-kont tal-klijenti jew fil-kont ta' trustee. Il-legislatur ried li l-flejjes appartenenti lil gugaturi ikunu protetti "inkluz" meta l-flejjes ikunu gew hekk depozitati f'kont tal-klijenti.

Ir-responsabilità ghal hlas tar-rebh ta' loghob li jsir mill-gugaturi jibqa tad-detentur tal-licenzja li maghha l-gugatur ikun irregistra. Huwa normali izda li tali detentur tal-licenzja jgib il-hlas tar-rebh minghand il-gestur tal-loghba li l-gugatur registrat mad-detentur tal-licenzja ikun ghazel li jilghab, loghba li mhux necessarjament tkun direttament offruta mid-detentur tal-licenzja izda li tkun offruta minn fornituri li maghhom id-detentur tal-licenzja jkollu ftehim. Fic-cirkostanzi ghalhekk, il-flejjes appartanenti lil gugaturi jithallsu mill-fornitur tal-loghba lid-detentur tal-licenzja fil-kont appozitu sabiex jigi eventwalment rilaxxat minn dan tal-ahhar lil gugatur skont ir-rebh.

B'daqshekk ma jfissirx illi s-socjetà rikorrenti ghandha dritt tesigi l-izbank jekk il-bazi tat-talba taghha ma tirrizultax.

Il-Qorti hija sprovvista minn kwalsiasi evidenza ufficjali li l-ammont indikat fir-rikors promutur jappartjeni lill-gugaturi, hlief ghal ittra mibghuta minn Everleaf Gaming Ltd lis-socjetà rikorrenti fejn tafferma li l-ammont ta’ €59,299.75 huwa dovut lis-socjetà rikorrenti u jirrapprezenta “player balances”. Dan id-dokument la gie konfermat bil-gurament u lanqas jidher li huwa originali jew awtentikat.

Is-socjetà rikorrenti setghet facilment tressaq kopja tar-rapporti li hija obbligata tressaq lill-Awtorità regolatrici kull xahar skont id-disposizzjonijiet tal-Players Liability Reporting Directive mahruga mill-Awtorita fl-2012 sabiex tissostanzja li l-ammont huwa effettivament dovut lill-gugaturi taghha. Dan naqset li taghmlu.

Fin-nuqqas ta’ prova, il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-ammont indikat fir-rikors jappartjeni lill-gugaturi tas-socjetà rikorrenti u ghaldaqstant l-ezenzjoni prevista fir-regolament 40(5) tal-Ligi Sussidjarja limitata kif inhi ghal “flejjes ta’ gugatur” ma tistax tigi akkolta.

## Decide

Ghalhekk il-Qorti filwaqt illi qeghda tilqa’ r-risposta tas-socjetà LuckBox Entertainment Limited fis-sens suespost, tichad it-talba tas-socjetà Pivgame Limited.

Minhabba n-natura tal-proceduri, l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------